MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 56/2009

**Peter Paul u Mary Anne konjugi Mifsud**

**Vs**

**Dentist Michael Vella Haber u martu Mary Rose Vella Haber u Paulmid Developments Limited.**

**Kuntratt sinallegamatiku li permezz tieghu parti tobbliga ruhha li tersaq fuq att pubbliku ghal holqien ta' servitu ta' passagg hu soggett ghat-terminu ta' dekadenza ta' tlett (3) xhur kontemplat fl-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili - Preskrizzjoni Estintiva ta' Hames Snin u t-tifsira tal-kliem *"ta' kull kreditu iehor"* fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili**.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-14 ta' Lulju 2009 l-atturi qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex tiddikjara jekk kundizzjoni sospensiva f'kuntratt avveratx ruhha u fl-

affermattiv tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ghall-holqien ta' servitu ta' passagg li jwassal ghall-garaxx proprjeta' tal-atturi. Talbu wkoll sabiex jekk il-kundizzjoni sospensiva ghadha ma sehhitx, il-qorti tistabilixxi terminu sabiex fih isiru x-xogholijiet li kellhom isiru u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu tali xogholijiet.

Il-konvenuti eccepew li:-

1. It-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi, u dan ghar-ragunijiet elenkati aktar fid-dettal il-quddiem f'din ir-risposta.
2. Fl-ewwel lok, it-terminu ta' tlett xhur 'minn meta jitlesta s-sular fejn kellu jinghata l-access ilu illi iddekada almenu sa' mis-sena 2000, u l-atturi ma jistghux ma kienux jafu b'dan il-fatt – kif sejjer jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; u ghaldaqstant l-effetti tal-iskrittura ta' 11 ta' Gunju 1997 ilhom illi spiccaw almenu sa minn dik is-sena; u ghalhekk huwa applikabbli kontra l-pretensjonijiet tal-atturi it-terminu ta' dekadenza komminat fl-artikolu 1357 tal-Kap. 16.

3. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, trattandosi minn obbligazzjoni ta' trasferiment u akkwist, dik l-iskrittura ma hijiex inforzabbli in kwantu din ma gietx registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-termini tal-artikolu 3 (6) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Avvizi Legali mahruga taht dak l-istess artikolu.

4. Dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-effetti tal-iskrittura fuq msemmija gew terminati fi kwalunkwe kaz bit-trapass ta' ferm aktar minn hames (5) snin mid-data tal-iffirmar taghha, b'mod ghalhekk illi hija applikabbli il-preskrizzjoni ta' hames snin kif mahsub fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

5. Dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konjugi Vella Haber ma ghandhomx il-legittimi kuntradittturi tal-atturi stante il-bejgh ezegwit minnhom f'Ottubru 1997

kif jirrikonnoxxu l-istess atturi, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. L-atturi huma proprjetarji ta’ hairdressing salon bl-isem ta’ Papillon, Triq Ninu Cremona, Victoria, Ghawdex.
2. Il-konvenuti Vella Haber riedu jaghmlu zvilupp. Sabiex seta’ jsir dan il-progett, fil-11 ta’ Gunju 1997 ghamlu ftehim bil-miktub mal-atturi (fol. 10). Fost’affarijiet ohra dan il-ftehim kien jipprovdi sabiex il-hanut tal-atturi jitwaqqa’ u jerga’ jinbena ghas-spejjez ta’ Vella Haber. Obbligaw ukoll ruhhom li jibnu garaxx taht il-hanut tal-atturi li kellu jibqa’ proprjeta tal-atturi, u *“....liema garaxx ikollu l-access kemm bir-rigel kif ukoll bil-karrozza mill-edificcju l-gdid tad-Dentist.”*.
3. Il-partijiet ftehemu li dwar l-access ghal gewwa l-garaxx, ***“...ghandu jsir att pubbliku opportun mhux iktar tard minn tlett xhur minn meta jitlesta s-sular minn fejn qieghed jinghata l-access.”***.
4. L-atturi ghandhom access mill-hanut ghal gewwa l-garaxx permezz ta’ tarag. Mill-provi jirrizulta li l-garaxx kellu jintuza sabiex fih jigu pparkjati vetturi.
5. Il-ftehim kien jikkontempla d-dritt li l-konjugi Vella Haber jittrasferixxu l-obbligi taghhom tant li gie pattwit: *“L-obbligazzjonijiet kollha assunti permezz ta’ din l-iskrittura mid-Dentist japplikaw ukoll ghal kwalunkwe successur tieghu fit-titolu u d-Dentist jintrabat li kemm il-darba jaghmel xi trasferiment tal-proprjeta’ tieghu fuq indikata huwa jorbot lis-successuri tieghu fit-titolu bl-obbligazzjonijiet kollha minnu assunti permezz ta’ din l-iskrittura.”*.
6. Permezz ta’ kuntratt pubblikat fit-28 ta’ Ottubru 1997 (fol. 14) il-konjugi Vella Haber bieghu lil Paulmid Developments Limited l-art fejn kellu jsir il-progett. Ix-xerrej assum l-obbligi fil-konfront tas-sidien tal-garaxxijiet li kellhom jitwaqqghu u jergghu jinbnew[1].
7. L-izvilupp sar mill-kumpannija konvenuta.

---

[1] *"(a) il-kompraturi nomine jassumu l-obbligu illi jonoraw l-obbligi kollha assunti mill-konjugi Vella Haber fuq l-istess skritturi."*.

8. Fl-20 ta’ Frar 1999 Mario Dimech iffirma dikjarazzjoni li permezz taghha ddikjara li kien rega’ ha l-pussess tal-hanut li temporanjament kien okkupah l-attur (fol. 34). Hanut li l-kumpannija konvenuta kriet sabiex l-attur ikollu post alternattiv minn fejn jopera s-salon sakemm jitlesta l-progett.

9. Intbaghatet ittra mill-avukat tal-atturi, datata 25 ta’ Awwissu 1999, lill-avukat tas-socjeta konvenuta li permezz taghha nfurmah li *“Jinhtieg li jsir kuntratt pubbliku sabiex niddefinixxu l-access ghall-garage t’isfel fit-terminu tal-konvenju. Nitolbok sabiex tkellem lill-klijenti tieghek u tara humiex disposti jaghmluh”* (fol. 61).

10. Intbghatet ittra legali, datata 3 ta’ Dicembru 2008, ghan-nom tal-attur li permezz taghha s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex *“....sa zmien gimgha m’illum tersaq ghal kuntratt pubbliku li permezz tieghu huwa jinghata dritt ta’ access ghall-garaxx proprjeta’ tieghu fi Triq Ninu Cremona, Victoria, Ghawdex minn gewwa proprjeta tieghek li tinsab biswit l-istess garaxx.”* (fol. 36).

11. Fis-27 ta’ Frar 2009 l-attur ipprezenta ittra ufficjali u nterpella lill-konvenuti sabiex jinfurmawh jekk ix-xogholijiet saru skond l-iskrittura ffirmata fil-11 ta’ Gunju 1997, sabiex fl-affermattiv jigi pubblikat il-kuntratt relattiv.

12. Il-kuntratt pubbliku baqa’ qatt ma gie ppubblikat. Madankollu l-atturi ilhom is-snin jidhlu u johorgu mill-garaxx minn rampa li tidher fir-ritratt Dok. PP6 a fol. 51. Dan hu l-uniku mezz ta’ access ghal gewwa l-garaxx. Il-konvenut xehed: *“Nikkonferma illi kif rritornajt lura fil-post, cioe’ l-hanut il-gdid li bnewli ta’ Paulmid, il-garaxx kien lest. Jista’ jkun iktar minn hames (5) snin li ilni nopera mill-hanut gdid li bnewli Paulmid Developments.”* (fol. 62) u *“Jiena nikkonferma illi ilni naghmel uzu mill-garaxx li jigi taht il-hanut proprjeta tieghi, kemm ilni li mmovjajt lura, jigifieri ccaqlaqt lura ghall-gewwa l-hanut il-gdid li bnewli Paulmid Developments Limited.”* (fol. 63). Fis-seduta tas-16 ta’ Settembru 2009 kkonferma li sal-31 ta’ Jannar 1999 kien qieghed jahdem mill-hanut li l-kumpannija kriet ghalih, u li *“.....wara dik id-data jiena kelli l-pussess tal-hanut u tal-garaxx. Il-garaxx sottostanti l-hanut dejjem uzajtu biex fih niggaraxxja l-vettura tieghi, u ilni minn dak iz-zmien jiena naghmel uzu minn dan il-garaxx.”* (fol. 38).

13. Is-socjeta attrici qeghda ssostni li t-terminu pattwit ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku skada u ghalhekk m’ghandha l-ebda obbligu li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att. Jirrizulta li nqala’ dizgwid bejn il-partijiet, fis-sens li waqt it-twettiq tal-progett il-kumpannija konvenuta kellha tiskava wkoll taht il-garaxx li bniet ghall-atturi minhabba t-tafal li nstab. Dan fisser li l-atturi rebhu sular iehor u l-kumpannija konvenuta tippretendi li ghandha tigi kkumpensata. Paul Scicluna, direttur tas-socjeta konvenuta, spjega kif mas-sidien l-ohra kien intlehaq kompromess billi cedew parti mill-proprjeta taghhom lill-kumpannija. Jidher evidenti li din kienet ir-raguni ghalfejn il-kumpannija konvenuta qeghda tirrifjuta li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att ghall-holqien ta’ servitu’ ta’ passagg.

Irrizulta li talli l-atturi accettaw li johorgu mill-hanut sabiex jitwaqqa’ u jkun jista’ jsir il-progett ta’ bini ta’ blokk ta’ appartamenti, il-konvenuti obbligaw ruhhom li ghas-spejjez taghhom jergghu jibnu l-hanut tal-atturi, jibnulhom garaxx sottostanti l-hanut li jkollu access ghalih mill-hanut u mis-sular fejn kien ser ikun hemm il-garaxxijiet fil-blokk. L-access kellu jkun ukoll mir-rampa ghaliex l-intenzjoni kienet li l-garaxx jintuza sabiex fih l-atturi jipparkjaw il-vetturi. Dan kollu twettaq mis-socjeta konvenuta. Il-kwistjoni li ghadha pendenti hi l-pubblikazzjoni tal-att ta’ servitu ta’ passagg bir-rigel u vetturi mill-proprjeta’ tas-socjeta konvenuta favur il-garaxx proprjeta’ tal-atturi. Il-qorti temmen li bi ftit raguni din il-kwistjoni setghet facilment giet rizolta barra mill-Qorti. M’hemmx dubju li meta s-socjeta konvenuta bniet kamra ohra taht il-garaxx, l-atturi ggwadanjaw. Din il-kamra zejda fissret arrikkiment ghall-atturi peress li minflok zewg sulari spiccaw bi tlett sulari. Madankollu jidher li l-atturi ma jridux jaccettaw dan il-fatt ovvju, u anzi jidher evidenti li m’ghandhom l-ebda intenzjoni li jikkumpensaw lis-socjeta konvenuta ghal dan il-beneficcju li qeghdin igawdu minnu.

Il-qorti hi tal-fehma li:-

(a) Hu minnu li l-konjugi Vella Haber m'humiex il-legittimi kontradditturi. Ghalkemm il-ftehim kien originarjament gie ffirmat maghhom, bil-kuntratt li sar fit-28 ta' Ottubru 1997 huma hargu mix-xena u gew sostitwiti bil-kumpannija Paulmid Developments Limited. Kif rajna l-ftehim tal-11 ta' Gunju 1997 kien jikkontempla ghal din il-possibilita', u jirrizulta li l-atturi kienu jafu li l-proprjeta nxtrat minn Paulmid Developments Limited u li l-progett kien ser jitwettaq minnha. Tant hu hekk li l-atturi bdew jittrattaw direttament mad-diretturi tal-imsemmija kumpannija. Inoltre, llum ma jirrizultax li l-konjugi Vella Haber ghad ghandhom xi interess fil-proprjeta'.

(b) Il-konvenuti obbligaw ruhhom li jersqu fuq kuntratt pubbliku biex tinholoq servitu ta' passagg bir-rigel u vetturi fil-parti komuni tas-sular fejn hemm il-garaxxijiet. Kuntratt li kellu jsir fi zmien tlett (3) xhur *"minn meta jitlesta s-sular minn fejn qieghed jinghata l-access."*. Mill-provi hu evidenti li l-attur ilu s-snin juza l-garaxx li bnietlu s-socjeta konvenuta. L-argumenti li gabu l-atturi li x-xoghol ghadu ma tlestix hu 'l boghod hafna mill-verita. Access li kien jezisti tant li l-attur stess xehed li ilu jaghmel uzu mill-garaxx minn meta mar lura fil-hanut Papillon, cjoe' fl-1999. Tant hu hekk li l-avukat ta' fiducja tal-atturi kien baghat ittra datata 25 ta' Awwissu 1999 fejn talab li jsir il-kuntratt. Il-qorti thoss li ghandha wkoll tissottolineja li l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' servitu ma kienx soggett ghall kondizzjoni suspensiva. L-Artikolu 1063 jipprovdi: *"Il-kondizzjoni suspensiva hija dik illi taghmel **l-ezistenza ta' l-obbligazzjoni** tiddependi minn grajja li ghad trid tigri u **li mhix zgura**."*. L-obbligazzjoni kienet tezisti minn meta gie ffirmat il-ftehim u ma kenitx soggetta ghal xi grajja mhux zgura, ghalkemm gie pattwit zmien ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

(c) L-argument tal-atturi li ma kienux jafu li tlestew ix-xogholijiet fis-sular tal-garaxx, ma jregix. Tant kienu jafu li x-xoghol tlesta li l-atturi ilhom mill-1999 jaghmlu uzu liberu mir-rampa li hi parti mill-partijiet komuni tal-garaxxijiet. L-attur xehed li ma kienx cert jekk tlestix is-sular fejn hemm il-garaxxijiet ghaliex kien jidhol l-ilma tax-xita fil-partijiet komuni tas-sular tal-garaxxijiet u ghad hemm partijiet

mhux mibnija u mahmugin u bl-imbarazz (fol. 47-48). Argument fqir hafna. Dawn in-nuqqasijiet ma jistghu qatt ifissru li s-sular ma tlestix. L-ittra datata 3 ta' Dicembru 2008 mibghuta mill-avukat ta' fiducja tal-atturi li permezz taghha nterpellat lis-socjeta konvenuta sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv (36) hi prova ohra kontra t-tezi tal-atturi. Ittra li tistona mal-ittra ufficjali prezentata fis-27 ta' Frar 2009 (fol. 18) li permezz taghha l-attur nterpella lill-konvenuti sabiex *"....tinfurmawh jekk ix-xogholijiet li kellhom isiru skond dik l-iskrittura sarux, sabiex f'kaz affermattiv, isir il-kuntratt pubbliku rigward l-access ghall-proprjeta' tal-mittenti."*.

(d) L-argument tal-attur li hu qatt ma gie avzat li s-sular minn fejn ghandu access ghall-garaxx kien tlesta, hu wkoll minghajr bazi. Fl-iskrittura privata m'hemmx klawzola f'dan is-sens. Il-konvenuti ma kellhom l-ebda obbligu li jaghtu avviz lill-atturi sabiex jibdew jiskattaw t-tlett xhur, u f'kull kaz ma kellhomx bzonn li jinghataw xi avviz.

(e) Il-qorti m'hijiex tal-fehma li japplika l-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili. Kif gustament osservaw l-atturi, il-kaz ma jittratta weghda ta' bejgh. Kif osservat il-Qorti tal-Appell[2] fil-kawza **Saviour Fiteni et vs Louis Mazzitelli et** deciza fit-2 ta' Gunju 2003: *"Id-disposizzjonijiet tal-weghda ta' bejgh huma eccezzjonali u ma jistghux jigu estizi minn istitut ghall-iehor."*. Lanqas mhu kaz ta' weghda ta' tpartit, f'liema kaz japplika wkoll l-Artikolu 1357 (ara Artikolu 1493 tal-Kodici Civili). L-obbligazzjoni tal-konvenuti kienet tinkludi li jaghtu servitu ta' passagg favur il-garaxx tal-atturi. Obbligazzjoni li kellha titwettaq bil-pubblikazzjoni ta' kuntratt, in kwantu servitu ma tinholoqx b'semplici skrittura privata. Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li t-tlett xhur pattwiti fl-iskrittura privata tal-11 ta' Gunju 1997 kienu skadew, ma jfissirx li spiccat l-obbligazzjoni. Il-qorti ma taqbilx li din l-obbligazzjoni kienet valida biss ghal tlett (3) xhur minn meta jitlesta s-sular tal-garaxxijiet. Mill-provi ma jirrizultax li l-partijiet kellhom xi intenzjoni simili, minkejja li fil-klawzola jinghad li l-att pubbliku ghandu jsir *"mhux iktar*

---

[2] Imhallef P. Sciberras.

*tard minn tlett xhur......"*. Hu evidenti li s-servitu ta' passagg kienet parti mill-*quid pro quo* sabiex l-atturi hargu mill-hanut u accettaw li jitwaqqa' sabiex il-konvenuti jkunu jistghu jaghmlu l-progett. Iz-zmien li jissemma fl-iskrittura gie stabbilit ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni tal-konvenuti u stabbilit favur l-atturi. Ladarba l-obbligazzjoni ma twettqitx fit-terminu pattwit, il-kumpannija konvenuta kienet moruza bl-eghluq ta' dak iz-zmien, u l-atturi kellhom kull jedd li jiehdu passi sabiex igieghluha tonora l-obbligu. Il-fatt li l-obbligazzjoni ma twettqitx fit-terminu pattwit, ma jfissirx li l-obbligazzjoni spiccat (ara Artikolu 1145 tal-Kodici Civili li jipprovdi kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet.).

(f) L-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jipprovdi li:- *"l-azzjonijiet ghall hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*. Il-qorti ezaminat il-gurisprudenza u jidher li l-qrati lokali huma tal-fehma li dan il-provvediment japplika fir-rigward ta' dawk il-krediti li bhala oggett ikollhom flus jew haga fungibbli. Dan b'applikazzjoni tar-regola *ejusdem generis*; *"'Kull kreditu iehor' hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu, ikun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess disposizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus, bhal meta jkun jitratta biex jinghata ezempju minn kreditu li gejn minn self ta haga fungibbli li ma tkunx self."* (**Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1954 – Volum XXXVIII.ii.588)[3]. Interpretazzjoni bazata fuq ir-regola tal-*ejusdem generis*. Hu minnu li fil-kawzi **Joseph Chircop et vs Salvatore Muscat nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2000 u **Pawlina Cachia vs Joseph Aquilina nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2004, l-Artikolu 2156(f) gie applikat ghal

[3] Ara wkoll **Giovanni Saliba vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949 (Volum XXXIII.i.397), **Lorenza Buttigieg vs Gio Batta Caruana** deciza fl-14 ta' Frar, 1955 (Volum XXXVIII.i.101), **Grace Felice Gay vs Benny Farrugia** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef H. Harding) fis-17 ta' Marzu 1987 u **AIC Joseph Barbara vs Onorevoli Prim'Ministru** deciza fis-7 ta' Ottubru 1997 mill-Qorti Kostituzzjonali.

kazijiet li kienu jittrattaw obbligazzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta. Sfortunatament f'dawn is-sentenzi ma jidhirx li l-qrati kkunsidraw l-gurisprudenza li tidher li kienet konsistenti fl-interpretazzjoni li nghatat ghall-kliem ***"ta' kull kreditu iehor"***. Inoltre, fil-kawza Cachia vs Aquilina nomine l-qorti ghamlet riferenza ghal sentenza **Antonio Attard et vs Francesco Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Awwissu 1884 (Vol. X.550) li l-azzjoni li tohrog minn skrittura privata hi preskritta fi zmien hames snin. Li ma ssemmix kien li dik il-kawza kienet tittratta talba ghall-hlas ta' flus. Mela l-Artikolu 2156(f) ma japplikax.

(g) Ma kienx hemm htiega li l-ftehim jigi registrat skond l-Artikolu 3(6) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364). Skond l-Artikolu 10(5) tal-Avviz Legali 98 tal-1993 kif sussegwentement emendat, l-ebda avviz ma kien mehtieg f'kaz ta' trasferiment ta' dritt reali fuq proprjeta meta l-ftehim ikun sar qabel l-1 ta' Jannar 2004 u l-att kellu jigi pubblikat qabel l-1 ta' Lulju 2004. Fil-kaz taghna m'hemmx dubju li l-att tal-holqien tas-servitu kellu jigi pubblikat qabel l-1 ta' Lulju 2004, fatt accettat mill-kumpannija konvenuta stess li fin-nota ta' sottomissjonijiet iddikjarat li l-kuntratt kellu jigu pubblikat ***"f'perjodu massimu ta' sena u tlett xhur mid-data tal-iskrittura."*** (fol. 82).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Vella Haber li m'humiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez tal-eccezzjoni a karigu tal-atturi.**

**2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-kumpannija Paulmid Developments Co Limited u:-**

**(a) Tiddikjara li l-atturi ghandhom id-dritt li jgieghlu lis-socjeta konvenuta tersaq ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' holqien ta' servitu ta' passagg bir-rigel u vettura minn gewwa l-partijiet**

**komuni tal-garaxxijiet li jifformaw parti mill-blokk appartamenti li bniet is-socjeta konvenuta fi Triq Ninu Cremona, Victoria u favur il-garaxx proprjeta' tal-atturi li hu sottostanti l-hanut Papillon li jinsab fl-istess triq.**
**(b) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv ta' holqien ta' servitu ta' passagg bir-rigel u bil-vettura.**
**(c) Tinnomina lin-nutar Anna Mizzi sabiex tippubblika l-att relattiv fl-24 ta' Marzu 2010 f'12.00 p.m. fil-bini tal-qorti jew f'data ohra li tista' tordna l-qorti wara talba li ssir minn kull min jista' ghandu nteress.**
**(d) Tinnomina lill-avukat Dr Justyne Caruana kuratur sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.**
**(e) Tastjeni milli tqies ir-raba' u l-hames talba.**

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta b'dan li l-ispejjez relatati mat-talbiet numru 4 u 5 ghandhom ikunu a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------